KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24(kontinwazzjoni 5) IS-SITT KUNSILL**

L-erbgħa u għoxrin seduta (kontinwazzjoni 5) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Ħamis 13 ta' Jannar, 2011** fis-5.43 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea u Nicolai Gauci.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Skużat: Patrick Pace

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Nikki Dimech u Patrick Pace.

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24 (KONTINWAZZJONI 5)**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

a. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għad-diskussjoni fuq il-mejda tal-Kunsill hemm il-minuti. Qalet li ladarba dawn jigu approvati l-hsieb hu li l-agenda tigi ezawrita fl-istess gurnata tal-laqgha.

b. Il-Kunsillier M. Debono qal li qiegħed ikun hemm wisq minuti u wieħed jista jinsa jew ħaġa oħra xi jkun ġara.

c. Is-Sindku qalet li l-hsieb hu li l-laqghat jibdew jissejhu kull tlett gimghat.

d. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li minhabba impenji ta' xoghol qed titlob li tkun skuzata ghal-laqgha sussegwenti ghal din, cioe ghal-laqgha ad hoc aggudikazzjoni ta' sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' skart imhallat.

e. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill iridx ikompli bil-laqgha kif avzat f-assenza taghha.

f. Il-kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li l-aggudikazzjoni ta' din is-sejha ghall-offerti ghanda tigi aggornata ghal gurnata ohra.

**24.1 Approvazzjoni tal-minuti**

**24.1.1** Il-Kunsillier M. Debono talab li l-minuti jinqraw kollha qabel ma jiġu approvati.

**24.1.2** Is-Sindku qrat il-minuti tas-seduta 19_5/08/2010.

**24.1.3** Is-Sindku qrat il-minuti tas-seduta 19_25/08/2010.

**24.1.4** Il-Kunsilliera M. Aquilina u M. Debono ilmentaw li mhux qiegħed ikun hemm *follow-up* tad-deċiżjonijiet li qegħdin jittieħdu. Il-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet x'ġara dwar ix-xiri ta' materjal mill-kumpanija S&R Handaq kif ukoll dwar l-*overtime* tal-istaff tal-Kunsill.

**24.1.5** Il-kunsilliera M. Aquilina staqsiet ukoll għaliex l-*allowance* tal-kunsilliera ma tħallsux fil-ħin. Is-sindku J. Gonzi wieġbet li ċ-ċekkijiet kienu ilhom lesti mill-21 ta' Diċembru, 2010 iżda xtaqet kjarifika mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali qabel ma tiffirmhom.

**24.1.6** Is-Sindku qrat il-minuti tas-seduta 19_22/09/10.

**24.1.7** Il-Kunsillier M. Debono ippropona korrezzjoni ghal dawn il-minuti f'punt 3.28 fejn is-sentenza tieqaf wara l-kelma "Kunsill" u l-kliem sussegwenti jinbidel kif ġej: "Ġie infurmat li l-prezz huwa differenti għaliex il-kuntratt mhuwiex ordinarju imma wieħed ta' emerġenza".

**24.1.8** Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Il-Kunsilliera S. Camilleri, Y. Cali, E. Cuschieri, N. Gauci u J. Galea ivuotaw favur. Is-Sindku u l-Viċi Sindku astjenew.

24.1.9 Il-Kunsillier M. Debono ippropona li ssir korrezzjoni ta' kelma f'punt 3.30 ta' din l-istess seduta li tinqara "kontrol" minflok "poter".

24.1.10 Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u N. Gauci ivvutaw favur.

24.1.11 Ġie nnotat li f'punt 3.48 ma kienx hemm imniżżel li tlett kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u N. Gauci "vvutaw kontra". Is-Sindku pproponiet l-emenda. Il-Vici Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għal din il-korrezzjoni.

24.1.12 ***Is-Sindku J. Gonzi talbet li tigi skuzata mis-seduta fis-6.45 ta' filghaxija.***

24.1.13 Il-Viċi Sindku beda jaqra l-minuti tas-seduta 19_27/09/10.

24.1.14 ***Il-kunsillier N.Gauci ħareġ mis-seduta fis-6.50 ta' filghaxija.***

24.1.15 ***Is-Sindku daħlet lura għas-seduta fis-6.55 ta' filghaxija u kompliet taqra l-minuti.***

24.1.16 ***Il-Kunsillier N. Gauci daħal lura għas-seduta fis-6.56 ta' filghaxija.***

24.1.17 Is-Sindku qrat il-minuti tas-seduta 19_29/09/10.

24.1.18 F'dan l-istadju s-Sindku staqsiet x'kien ghad baqa minuti biex tigi ffinalizata s-Seduta 19.

24.1.19 Is-Sindku resqet mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-minuti tas-Seduta 19 li tghid: "Qed nipproponi l-emendi u l-minuti tas-Seduta 19".

24.1.20 Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina. S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci.

24.1.21 F'dan l-istadju tas-Seduta is-Sindku rreferiet għal attenzjoni tal-Kunsill il-Memo 89/2009 dwar l-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Memo tispecifika li meta kunsillier ma jkunx jista' jatendi ghal-laqgha ghandu jibgħat korrispondenza fejn jinforma li ma jistax jattendi għal-laqgħa.

24.1.22 Il-kunsillier N. Gauci irrimarka li jekk seduta tiġi aġġornata minn ġimgħa għal oħra xorta ghandha tibqa' kunsidrata bhala seduta waħda u m'għandux jiġi immarkat li kunsillier ma attendiex għal dik is-seduta.

24.1.23 Is-Sindku bdiet taqra l-minuti tas-seduta 20 Ad Hoc _2/09/2010.

24.1.24 ***Il-Kunsillier Y. Cali ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.14 ta' filghaxija.***

24.1.25 Il-Kunsillier N. Gauci qal li waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru, 2010, hu flimkien mal-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono, kien irringrazzja lil Kunsillier N. Dimech għal ħidma tiegħu bħala Sindku. Il-Kunsillier N.Gauci ippropona li din għandha titniżżel fil-minuti wara l-punt 1.6. Il-Kunsillier N Gauci ppropona li jizdied dan il-kliem: "Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci rringrazzjaw lis-Sindku N. Dimech." Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

24.1.26 Is-sindku J. Gonzi ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 20Ad hoc 2/09/10. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri, M. Debono, N.Gauci u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri astjeniet.

24.1.27 Is-Sindku J. Gonzi qrat il-minuti tas-seduta 21Ad hoc 29/09/10.

24.1.28 Il-Kunsillier M Debono ħareġ mis-seduta fis-7.25pm u daħal lura fis-7.29pm.

24.1.29 Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 21Ad hoc 29/09/10. Il-Kunsillier E. Cuschieri issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera J. Galea ivvutaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew.

24.1.30 Is-Sindku qrat il-minuti tas-seduta 23Ad hoc 10/11/2010.

24.1.31 Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 23Ad hoc 10/11/2010. Il-Viċi Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina, N. Debono u N. Gauci astjenew.

**Is-seduta ntemmet fis-7.45 ta' filghaxija.**

**Is-seduta giet aggornata ghall-Hamis 20 ta' Jannar 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..........................29......... ta' ....Marzu.................... 2011.
(jum) (data) (xahar)